Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,577, 9 ta' April, 2010
Taqsima B

A.L. 203 tal-2010

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Family Ministry taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Teoloġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tat-Teoloġija bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Arts in Family Ministry taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teoloġija.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tat-Teoloġija;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Arts in Family Ministry;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Arts in Family Ministry;

"il-Postgraduate Certificate" tfisser il-Postgraduate Certificate in Family Ministry;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Family Ministry; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2009 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom grad ta' Bachelor jew l-ekwivalenti miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew b'Kategorija II f'kull qasam li l-Bord iqis bħala rilevanti.

(2) L-applikanti li għandhom grad miksub fit-Tielet Klassi bl-Unuri jew b'Kategorija III f'kull qasam meqjus rilevanti mill-Bord jistgħu wkoll jiġu aċċettati, sakemm li jkunu kisbu kwalifiki oħrajn, inkluża esperjenza rilevanti, wara l-grad tal-ewwel ċiklu tagħhom.

(3) F'każijiet eċċezzjonali l-Bord tad-Dħul, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, jista' jaċċetta għall-Kors applikanti li m'għandhomx il-grad ta' Bachelor, sakemm li l-Bord ikun sodisfatt li dawn l-applikanti għandhom kwalifiki akkademiċi jew professjonali oħra u esperjenza li flimkien ikunu meqjusa bħala komparabbli mal-livell tal-ewwel grad.

(4) L-applikanti jistgħu jkunu rreġistrati bħala studenti fil-Kors jekk jissodisfaw lill-Bord, permezz ta' intervista, li għandhom l-esperjenza u l-kapaċità li jsegwu l-Kors.

(5) (a) Il-Bord, wara l-approvazzjoni tas-Senat, għandu jiddetermina l-għadd ta' applikanti li jistgħu jitħallew jirreġistraw skont ir-riżorsi disponibbli. Il-Bord iżda għandu jħabbar l-għadd ta' postijiet disponibbli fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(b) Meta l-għadd ta' applikanti eliġibbli jaqbeż in-numru ta' postijiet disponibbli, il-Bord jagħżel l-applikanti skont dawn il-kriterji li ġejjin:

(i) it-tip u l-klassi tal-grad;
(ii) l-esperjenza ta' xogħol fil-qasam jew f'qasam relatat; u
(iii) il-livell milħuq waqt l-intervista.

(6) Il-bord tal-intervisti maħtur mill-Bord għandu jkun magħmul mill-anqas minn tliet membri.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors għandu jinfirex fuq tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fi studju fuq bażi *part-time.*

Il-Programm ta' Studju

5. Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 kredtu, li minnhom 60 kredtu huma assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma u 30 kredtu huma assenjati għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni.

6. (1) L-istudenti li jiksbu t-30 kredtu assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma fl-ewwel semestru b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Certificate.

(2) L-istudenti li jiksbu s-60 kredtu assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw b'suċċess id-dissertazzjoni, jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Diploma.

7. Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

8. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sa' l-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) Dawk l-istudenti li f'xi sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 20 kredtu għat-taqsimiet studju mgħallma, jekk ikunu qegħdin isegwu l-Kors *full-time*, jew mhux aktar minn 10 kredti jekk ikunu qegħdin isegwu l-Kors *part-time*, jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid fit-taqsimiet studju li weħlu minnhom fis-sessjoni tal-eżamijiet supplimentari ta' Settembru.

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' kredti permess skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament, jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kredti għal xi taqsima studju, jkunu meqjusa li weħlu mill-Kors.

Id-Dissertazzjoni

9. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' madwar 25,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir waqt it-tielet semestru tal-Kors. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu mressqa għall-approvazzjoni tal-Bord mhux aktar tard mit-tmiem tat-tieni semestru.

10. (1) L-istudenti jkunu meħtieġa li jżommu kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom.

(2) Is-superviżuri għandhom jibgħatu lill-Bord rapporti dwar il-progress ta' kull student taħt is-superviżjoni tagħhom fit-tmiem ta' kull semestru ta' studji, kemm jekk l-istudent ikun qiegħed isegwi l-Kors fuq bażi *full-time* u kemm jekk *part-time*. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent li jiddefendi l-każ tiegħu.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

11. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Postgraduate Diploma u tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kredti kollha jingħataw piż indaqs.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time*

12. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time*, u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.